MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2006

Numru. 89/2006

PULIZIJA
SPETTUR STEPHEN MALLIA
SPETTUR JOSEPH CORDINA
VS
KEVIN FARRUGIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Kevin Farrugia, ta' 23 sena, bin Felix u Nazzarena nee' Camilleri, imwieled Pieta' fil-21 ta' Gunju 1982, u residenti Realfil, Triq San Gwann il-Battista, Rabat, Malta, jew fil-fond Willie Farm, Misrah Suffara, Rabat, Malta, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 340182(M), u akkuzat talli fit-28 ta' Lulju 2005, u fil-gimghat u x-xhur ta' qabel, fir-Rabat, Malta u f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'xi mod li jkun, baghbas, nehha, biddel jew ghamel numru tal-identifikazzjoni ta' 'chassis' jew magna ta', jew fuq, vettura bil-mutur, u cioe' billi nehha numru

tas-‘chassis’ jaqra ‘MPDE3A0019849MP’ minnn fuq vettura tal-marka Mitsubishi mudell FTO bin-numru tar-registrazzjoni originali JMX 682, u wahhlu fuq vettura differenti tal-istess marka u mudell bin-numru tar-registrazzjoni barrani originali ‘M509 SUX’ u li hija dikjarata skrappjata.

U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi wahhal sett ta’ pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru JMX 682 fuq vettura differenti tal-marka Mitsubishi mudell FTO bin-numru tar-registrazzjoni originali barrani ‘M509 SUX’ li hija ddikjarata skrappjata.

U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal n-numru tar-registrazzjoni JMX 682 fuq vettura differenti tal-marka Mitsubishi mudell FTO bin-numru tar-registrazzjoni originali barrani ‘M509 SUX’ li hija dikjarata skrappjata.

U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr l-approvazzjoni miktuba bil-quddiem tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita’ dwar it-Trasport Pubbliku, ghamel, ordna jew gieghel l-ghemil ta’ xi tibdil fil-‘body’ jew fin-numru tac-‘chassis’ jew tal-magna ta’ vettura tal-marka Mitsubishi mudell FTO bin-numru tar-registrazzjoni originali JMX 682, u ta’ vettura tal-istess marka u mudell bin-numru tar-registrazzjoni originali barrani ‘M509 SUX’ li hija dikjarata skrappjata.

U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura tal-marka Mitsubishi mudell FTO bin-numru tar-registrazzjoni originali barrani M509 SUX’ li hija ddikjarata skrappjata, b’numru tar-registrazzjoni falz li jaqra JMX 682, meta din ma kinitx registrata mal-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita’ dwar it-Trasport Pubbliku, u ma kinitx koperta b’licenzja jew polza ta’ assigurazzjoni ghar-riskji ta’ terzi persuni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat tal-21 t'April 2006.

Rat illi l-imputat ikkonferma l-istess ammissjoni wara li gie moghti zmien ragjonevoli sabiex jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi, u wara li rat l-Artikli 298(d), 28A, Artikli 188 u 189 tal-Kap 9, Artiklu 15 tal-Kap 65, Artiklu 91 tal-Legal Notice 128/1994 kif emendate u cioe' l-Motor Vehicle Regulations, Artiklu 3 tal-Kap 104, tikkundanna lill-imputat ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn. In oltre, tikkundannah ihallas multa ta' mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm250). Din il-piena qed tinghata wara li din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta' giovannili tal-imputat, il-fatt illi huwa 'a first offender', u in vista tal-ammissjoni bikrija tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------